TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/13/14/S

KONSUMATUR
Vs
Magri Bathrooms Limited

Illum 15 ta'Mejju,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba tal- Konsumatur pprezentata fl-20 ta'Jannar,2014 filwaqt li s-socjeta Magri Bathrooms Limited, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deheret ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrent u t-trattazzjoni tieghu maghmula fl-24 t'April,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda madum imwahhal li gie allegat li kien difettuz filwaqt li l-kumplament tal-madum li kien ghadu ma twahhalx, gie rritornat lura mir-rikorrent lis-socjeta intimata li hallset parti mill-prezz lura;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata Magri Bathrooms Limited naqset milli twiegeb ghat-talba tal- Konsumatur u lanqas deheret ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik tal- Konsumatur li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata Magri Bathrooms Limited;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrent spjega kif wasal ghat-talba ta' €430 izda pprezenta biss kopji tal-ircevuti tal-madum u ta' min qieghed l-istess madum li b'kollox jammontaw ghal €365;

Illi min-naha l-ohra is-socjeta intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex taghti l-verzjoni taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba tal- Konsumatur u Jordna lis-socjeta Magri Bathrooms Limited thallas lill- Konsumatur is-somma ta' €365 rapprezentanti dak mixtri u kkonfermata bil-kopji tal-ircevuti pprezentati, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta Magri Bathrooms Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru